



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

April 2024 | MT

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	HR	IT	LV	LT	HU	MT	NL
PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV									

EDITORJAL



Editorjal

Il-vot tagħna jgħodd!

Għeżież qarreja,

Id-demokrazija tagħna qed jiġu ttestjati minn għadd ta' fatturi li ilhom jaffettwaw lill-Ewropa mill-gwerra aggressiva tar-Russja kontra l-Ukrajna 'l hawn, b'impatti soċjali, politiċi u finanzjarji severi fuq kull Stat Membru u fuq l-Unjoni nnifisha. Madankollu dejjem ħsibt li meta jħabbtu wiċċhom ma' żminijiet diffiċli, iċ-ċittadini Ewropej ikunu magħqudin, flimkien, determinati li jwittu t-triq 'il quddiem u jsawru l-Ewropa li jixtiequ għall-futur tagħhom u għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin billi jivvutaw biex jagħżlu t-tmexxija Ewropea l-għdida.

Peress li l-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin se jaffettwaw bil-kbir il-perkors tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin, il-KESE ngħaqad mal-Parlament Ewropew billi ffirmat Memorandum ta' Qbil dwar il-Kooperazzjoni bi tnejn għall-elezzjonijiet Ewropej, skedati għas-6-9 ta' Ġunju 2024.

L-esperjenza turi li l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej hija aktar baxxa minn dik fl-elezzjonijiet nazzjonali. Għal din ir-raġuni, il-KESE se jkun attiv ħafna fis-sensibilizzazzjoni dwar l-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin. Billi nimmobilizzaw in-network tagħna ta' 90 miljun persuna - impjegaturi, ħaddiema u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili - nistgħu ngħinu biex nagħtu spinta lill-parteċipazzjoni.

Diġà ġew stabbiliti għadd ta' miżuri, li bdew bil-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili li saret fl-4-7 ta' Marzu 2024, li rat aktar minn 800 rappreżentant minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u gruppi taż-żgħażaġħ jiltaqgħu biex jiddiskutu l-elezzjonijiet li ġejjin u l-futur tal-UE.

Bl-adozzjoni ta' [Riżoluzzjoni](#) fil-plenarja ta' Marzu, il-KESE ħareġ is-sejħa tiegħu fejn ħeġġeġ liċ-ċittadini joħorġu jivvutaw. Ġiet stabbilita [paġna web](#) apposta taħt is-slogan #USEYOURVOTE

biex tospita attivitajiet, avvenimenti u inizjattivi mill-membri u l-persunal tal-KESE. L-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni lokali tal-membri se jkollhom rwol ewlieni!

Fl-4 ta' Mejju, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE se jiftħu l-bibien tagħhom biex jiċċelebraw l-involvement demokratiku fl-elezzjonijiet billi jfakkru l-anniversarju tad-"Dikjarazzjoni ta' Schuman". Sadanittant, fis-26 ta' Mejju, it-tim appassjonat tagħna "Run For Europe" se jieħu sehem fl-avveniment 20K ta' Brussell biex jipromovi l-kampanja "Uża l-Vot tiegħek". M'għandniex ninsew li aktar ma jkun hemm nies li jivvutaw, aktar tissaħħaħ id-demokrazija. Aktar ma jivvutaw nies, aktar ikunu leġittimi d-deċiżjonijiet meħuda. Din id-darba, iċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażaġħ, jeħtieġ li joħorġu u jivvutaw. B'dan il-mod, jistgħu jagħmlu differenza u jagħtu lill-Ewropa "wiċċ", "wiċċ" li jkunu kburin bih.

Peress li tindirizza l-interess ġenerali taċ-ċittadini Ewropej, is-soċjetà ċivili jista' jkollha rwol ċentrali f'din il-kampanja, b'mod partikolari fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-elezzjonijiet u l-inkoraġġiment tan-nies biex jivvutaw.

Ejjew naħdmu flimkien, nilħqu liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fil-livelli kollha - Ewropew, nazzjonali, reġjonali - ninvolvru ruħna magħhom fi djalogu veru, nisimgħu leħinhom u ngħidu lill-mexxejja politiċi tagħna x'jistennaw l-organizzazzjonijiet ta' miljuni ta' ċittadini li nirrappreżentaw mill-MEPs il-ġodda u l-Kummissjoni l-ġdida fil-5 snin li ġejjin.

Il-vot tagħna jgħodd! **#USEYOURVOTE**

Dejjem tagħkom,

Laurențiu Plosceanu, Viċi President għall-Komunikazzjoni

DATI TAD-DJARJU

4 ta' Mejju 2024

[Iċċelebra Jum l-Ewropa u tgħallem dwar il-KESE: Jum għall-Pubbliku fl-4 ta' Mejju](#)

30-31 ta' Mejju 2024

Sessjoni plenarja tal-KESE

6-9 ta' Ġunju 2024

[Elezzjonijiet Ewropej 2024](#)



FIL-QOSOR

F'din il-ħarġa ngħaddu l-kelma lil **Carlos Trindade**, membru tal-KESE u relatur tal-Opinjoni dwar [Nissalvagwardjaw id-demokrazija kontra d-diżinformazzjoni](#). Lejliet l-elezzjonijiet Ewropej, huwa jikteb dwar il-konsegwenzi dannużi li d-diżinformazzjoni jista' jkollha għad-demokrazija, u kif nistgħu niġġielduha jekk irridu ngħixu f'waħda.



IN?ARSU D-DEMOKRAZIJA MID-DI? INFORMAZZJONI

Kważi xahrejn 'l bogħod mill-elezzjonijiet Ewropej li jmiss, id-diżinformazzjoni qed issir ta' importanza dejjem akbar fil-ħajja politika Ewropea minħabba l-influwenza ħażina li jista' jkollha fuq ir-riżultati tal-elezzjoni.

Għal snin sħaħ il-konsegwenzi dannużi tad-diżinformazzjoni kienu kwistjoni ta' tħassib għall-pubbliku inġenerali, u għall-politiċi b'mod partikolari. Is-soċjetà demokratika u l-istil ta' ħajja kosmopolitan tagħna qed jiġu kontestati. Il-forzi tal-lemin estrem u forzi Ewropej estremisti oħra u reġimi awtokratiċi f'pajjiżi terzi qed isawru alleanzi biex iwettqu kampanji ta' diżinformazzjoni li qed jimminaw il-proġett Ewropew, u qed jużaw il-media soċjali u l-algoritmi biex jagħmlu dan. Qed jużaw it-teknoloġija bħala l-għodda ewlenija tagħhom għal din il-kampanja malizzjuża.

Hija meħtieġa strateġija b'diversi fatturi biex tiġi protetta d-demokrazija u nirbħu kontra d-diżinformazzjoni, u t-teknoloġija eżistenti tista' tgħinna niġġielduha b'suċċess. Huwa kruċjali li t-tliet oqsma tal-ġlieda diġitali – id-diżinformazzjoni, it-theddid ibridu u ċ-ċibersigurtà – jingħaqdu b'mod effettiv, u li jinħolqu sinerġiji u tissaħħaħ is-sigurtà, filwaqt li jiġi rrispettat l-istat tad-dritt.

Bl-istess mod, huwa essenzjali li jiġu rregolati l-ħolqien u t-tħaddim tal-algoritmi sabiex in-nies ikunu jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw jew jirrifjutaw ċerti karatteristiċi algoritmiċi, u jsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn id-drittijiet fundamentali tan-nies minn naħa, u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tal-kumpaniji min-naħa l-oħra. Madankollu, mhux aċċettabbli li l-kumpaniji tat-teknoloġija jittrasformaw il-manipulazzjoni u d-diskors ta' mibegħda fi profitt. L-interessi privati ma jistgħux jipprevalu fuq l-interess pubbliku.

Huwa essenzjali li informazzjoni pubblika, pluralistika u indipendenti fil-lingwi kollha tal-UE twassal fatti inkontestabbli relatati mal-promozzjoni ta' informazzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri.

Fuq l-aġenda hemm il-ħolqien ta' kanal tal-aħbarijiet pubbliku Ewropew, disponibbli fuq pjattaformi differenti, b'impenn serju għall-indipendenza editorjali, li jippermetti lill-Ewropej jaċċessaw l-informazzjoni li jeħtieġu sabiex jagħmlu għażliet infurmati. Il-klassifikazzjoni tal-ġurnaliżmu bħala ġid pubbliku Ewropew, kif propost mill-UNESCO, u t-tisħiħ tal-modi kif jiġu difiżi l-ġurnalisti, huma passi li jeħtieġ li jittieħdu.

Dwar il-litteriżmu u l-għoti tas-setgħa lill-pubbliku ġenerali, huwa essenzjali li jiġi segwit l-eżempju eċċellenti tal-Finlandja fil-promozzjoni tal-ħsieb kreattiv tan-nies. Dan jirrikjedi miżuri li jipprovdu għodod li jippromovu l-litteriżmu medjatiku, kulturali u demokratiku fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, u li jindirizzaw il-gruppi tal-etajiet u l-minoranzi kollha.

Id-demokrazija hija l-gvern tal-poplu mill-poplu, u l-aħjar mod biex tiġi protetta d-demokrazija huwa li n-nies jesprimu x-xewqa qawwiya tagħhom li jgħixu f'demokrazija!

Il-mudell soċjali Ewropew – permezz tal-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali u reġjonali, l-ugwaljanza u s-solidarjetà – huwa l-aktar mod effettiv (u l-aktar razzjonali) biex in-nies iħossu li l-benesseri ġenerali tagħhom jimxi id f'id mad-demokrazija, u għalhekk iħossu l-ħeġġa li jiġġieldu d-diżinformazzjoni.

Sabiex tiġi protetta d-demokrazija hemm ħtieġa urġenti għal approċċ aktar fil-fond, strateġija olistika u regolamentazzjoni Ewropea aħjar tal-bosta dimensjonijiet ta' dan il-fenomenu. Dan kollu huwa indirizzat fl-Opinjoni TEN/830.

Carlos Trindade, membru tal-KESE



IL-MISTIEDNA SORPRIŻA

F'din il-ħarġa, il-persuna mistiedna sorpriża tagħna hija l-Professur **Danuta Hübner**, Membru tal-Parlament Ewropew, mill-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew. Hija telenka r-raġunijiet kollha għaliex l-elezzjonijiet tal-2024 se jkunu battalja għall-Ewropa u għaliex il-partiti politiċi għandhom responsabbiltà kbira li jħeġġu lill-votanti potenzjali tagħhom joħorġu jivvutaw. FI-2024, ma nistgħux inħallu lill-oħrajn jiddeċiedu min se jirrappreżentana fit-teħid tad-deċiżjonijiet Ewropej - din id-darba r-riskju huwa kbir wisq.



DANUTA HÜBNER: IL-VOT JG?ODD

Kull ħames snin, iċ-ċittadini Ewropej imorru jivvutaw biex jeleġġu r-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament Ewropew (PE), l-unika istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea eletta direttament. Fl-2024, 720 membru elett ġdid se jagħmlu parti mill-għaxar leġiżlatura. Matul il-mandat ta' ħames snin, se jkollhom rwol deċiżiv fit-tiswir tal-Ewropa, l-istituzzjonijiet u l-politiki tagħha, postha fid-dinja globali polarizzata u l-impenn tagħha lejn valuri komuni.

L-elezzjonijiet kollha huma importanti. Dan huwa l-mod kif tibda d-demokrazija. Iżda nafu li d-demokrazija hija ħafna aktar mill-elezzjonijiet. Nistgħu naraw gvernijiet eletti demokratikament li jipprattikaw id-demokrazija filwaqt li jgħawġu l-istat tad-dritt. L-elezzjonijiet, anke jekk ġusti u ħielsa, mhumiex l-unika garanzija tad-demokrazija, u lanqas ma huma l-uniku fattur li jiddetermina d-demokrazija. Huwa għalhekk li l-votanti għandhom ikunu involuti b'mod attiv fl-elezzjonijiet.

Dawn l-aħħar ħames snin kienu karatterizzati minn għadd ta' sfidi kważi eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Kellna nindirizzaw il-Brexit u l-konsegwenzi tiegħu. Dan kien segwit mill-pandemija tal-COVID, l-invażjoni brutali u inumana tal-Ukrajna mir-Russja, l-isfidi ekonomiċi li rriżultaw, inkluż il-kriżi tal-enerġija u l-livelli għoljin ta' inflazzjoni. Iffaċċjajna dan it-tfexkil kollu mhux mistenni filwaqt li segwejna l-oġettivi strateġiċi ewlenin tagħna ta' tranżizzjoni doppja lejn ekonomija ekoloġika u diġitalment kompetittiva. Ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel wassal għal sanzjonijiet estensivi imposti mill-UE u l-imsieħba demokratiċi tagħha fuq ir-Russja, u wassal ukoll għat-tneħħija tar-riskji tad-dipendenzi tagħna fuq iċ-Ċina u r-relazzjonijiet tagħna mal-Istati Uniti tqiegħdu fuq pedament sod bla preċedent. L-Unjoni nediet ukoll l-ewwel programm tal-industrija tad-difiża Ewropea li qatt sar, li se jagħti l-frott fis-snin li ġejjin.

L-elezzjonijiet tal-2024 se jkunu battalja għall-Ewropa. Il-kampanja elettorali se jkollha tissodisfa l-aspettattivi taċ-ċittadini u tirrispetta r-rwol tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet Ewropej. Ma hemm l-ebda dubju li kwistjonijiet bħall-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-appoġġ għall-Ukrajna li jiddefendu art twelidhom kontra l-aggressjoni Russa jikkonċernaw lilna lkoll li għandna għal qalbna l-libertà, id-demokrazija u l-paċi. Il-politiċi

eletti se jkollhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw ir-rilancé effettiv tal-politika tat-tkabbir. Meta jiddibattu mal-kandidati dwar il-kompitu tagħhom għall-ħames snin li ġejjin, iridu jkunu konxji li jekk jiġu eletti, ikollhom jikkunsidraw li l-Unjoni Ewropea hija parti minn dinja li qed tikkrolla, maqsuma bejn id-demokraziji u r-reġimi awtoritarji. L-2024 hija sena ta' elezzjonijiet madwar id-dinja, f'pajjiżi b'popolazzjoni totali ta' 4 biljun abitant.

Aħna, l-Ewropej, se nkunu qed nagħtu attenzjoni mill-qrib lid-deċiżjonijiet li se jieħdu l-Amerikani meta jmorru jivvutaw biex jeleġġu l-president tagħhom. Ir-relazzjoni transatlantika ser tkun kwistjoni importanti

matul id-dibattiti elettorali Ewropej tagħna. Huwa d-dmir tal-politiċi u tal-partiti politiċi Ewropej li jagħmlu kull sforz biex jinvolvu ruħhom maċ-ċittadini u jinkoraġġuhom isemmgħu leħinhom. L-inċertezza ġeopolitika tagħmilha aktar importanti minn qatt qabel. Il-partiti politiċi li jippreżentaw il-kandidati tagħhom għall-elezzjonijiet spiss ikollhom fehmiel differenti dwar kwistjonijiet li huma ta' importanza kruċjali għal haġġitna. Jista' jkollna vuċi u impatt fuq il-futur tal-Ewropa, li huwa l-futur tagħna, biss jekk, bħala ċittadini, ninvolvu ruħna fid-dibattitu mal-kandidati u mmorru nivvutaw. Xi drabi nkunu frustrati u rrabjati. Iżda din hija eżattament ir-raġuni għaliex il-parteċipazzjoni attiva tagħna fid-djalogu elettorali politiku hija ta' importanza tant kbira.

Fl-2019, għall-ewwel darba, il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej qabżet bi ftit il-50 fil-mija. Kien il-vot taż-żgħażaġh Ewropej li għen biex tingħata spinta lir-rata ta' parteċipazzjoni. Minn naħa waħda, hija aħbar tajba li nofs dawk eliġibbli biex jivvutaw użaw id-dritt tal-vot tagħhom. Iżda min-naħa l-oħra, dan ifisser li nofsna, ċittadini Ewropej bi drittijiet tal-vot, ma vvutawx. Fl-2024, ma nistgħux nippermettu lill-oħrajn jiddeċiedu min jirrappreżentana fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-leġiżlazzjoni Ewropea. Parteċipazzjoni baxxa tnaqqas il-leġittimità ta' dawk eletti u tissarraf fir-rwol aktar dgħajef tagħhom fil-Parlament Ewropew. Hija responsabbiltà ewlenija tal-partiti politiċi li jħeġġu lill-votanti potenzjali tagħhom biex imorru jivvutaw.

Għal għexieren ta' snin, l-Ewropej raw lill-gvernijiet bħala r-rappreżentanti tagħhom fl-UE. L-elezzjonijiet tal-2024 joffru tieqa ta' opportunità biex tintwera s-setgħa reali tal-PE bħala leħen iċ-ċittadini. Ser ikun hemm nies jivvutaw għall-ewwel darba. F'ħames Stati Membri, se jivvutaw dawk li għandhom 16-il sena. Iż-żgħażaġh se jkollhom aspettattivi differenti tal-politiċi. Rajna dan matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, issa nisimgħuh fil-panels ta' segwitu organizzati mill-Kummissjoni Ewropea. Il-politiċi għandhom jużaw l-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin bħala proċess biex jibnu ġenerazzjoni ġdida ta' votanti u politiċi, bħala tieqa ta' opportunità biex tissaħħaħ l-edukazzjoni politika trasparenti, kif ukoll il-bini tal-identità u l-fiduċja.

L-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-PE għall-elezzjonijiet tal-UE tal-2024 qed tiffoka fuq il-mobilizzazzjoni ta' dawk li jastjenu u dawk li se jivvutaw għall-ewwel darba, u tgħin lil oħrajn involuti, inklużi l-media, l-NGOs, il-kumpaniji u l-individwi, tappoġġja l-involvement ċiviku mhux partiġġjan taċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet Ewropej fil-promozzjoni tal-importanza li wieħed imur jivvota.

Diġà naraw interferenza barranija fl-elezzjonijiet Ewropej, operazzjonijiet ibridi ta' diżinformazzjoni, il-qerda tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet u l-politiċi u t-tiswir ta' narrattivi diviżivi. Dan qed iseħħ qabel l-elezzjonijiet, se jkun hemm aktar minnu matul l-elezzjonijiet u se jkun hemm patoloġiji postelettorali. Il-liġijiet kontra d-diżinformazzjoni jridu jiġu infurzati. Azzjonijiet nazzjonali u Ewropej mhux se jkunu biżżejjed, neħtieġu finanzjament sinifikanti li jappoġġja approċċ ta' "soċjetà sħiħa" biex tiġi esposta d-diżinformazzjoni u l-awturi tagħna, peress li din taffettwa l-ħajja ta' kuljum tan-nies u l-għażliet strateġiċi tagħhom.

B'dawn l-elezzjonijiet, id-destin tad-demokrazija, il-libertà u s-sigurtà jinsab fix-xifer. U l-vot jgħodd.

Danuta Hübner, Membru tal-Parlament Ewropew (Grupp PPE)

6-9 June 2024



I am voting.
Are you?

KOLONNA KESE INFO: JIEN SE NIVVOTA. U INTI?

Fil-kolonna tagħna “Jien se nivvota. U inti?” qed nippublikaw l-artiklu ta’ **Mihály Hardy**, ġurnalista Ungeriż u kap editur ta’ Klubrádió, li jagħtina idea tal-klima ta’ qabel l-elezzjoni fl-Ungerija. Klubrádió huwa l-aħħar stazzjon tar-radju indipendenti ewlieni tal-pajjiż li l-ħin kollu jxandar l-aħbarijiet u jagħti analiżi tal-isfond dwar il-ġrajjet kurrenti u l-kultura. L-awtorità statali tal-media neħħiet il-frekwenza tal-istazzjon tar-radju, iżda rnexxielu jissopravvivi minħabba l-popolarità u l-finanzjament kollettiv tiegħu.



MIHÁLY HARDY: IL-LIBERTÀ TINSAB FIL-PERIKLU

“Freedom is just another word for nothing left to lose” jgħid vers tal-kanzunetta popolari tal-mużika country miktuba minn Kris Kristofferson fl-1969, li saru ħafna verżjonijiet tagħha minn artisti bħal Janis Joplin u Kenny Rogers. Madankollu, il-libertà fl-Ewropa llum, għall-kuntrarju tal-kanzunetta “Me and Bobby McGee”, tfisser li ħa nitilfu ferm jekk ma niddefendux il-libertà tagħna. Speċjalment fl-Ungerija.

In-nies jidraw l-affarijiet tajbin malajr ħafna. Ma jitfgħux ħarsithom lura fil-passat biex japprezzaw il-libertajiet bħal-libertà tal-ivvjaġġar, il-libertà tal-istampa, il-libertà tal-impjeg jew il-libertà tal-edukazzjoni fl-Ewropa. In-nies tal-ġenerazzjoni tiegħi (boomer imwieled fl-aħħar tas-snin 50 meta l-Ungerija kienet għadha fil-Patt ta’ Varsavja) jiftakru t-triq twila li wasslet għal-libertà tal-lum, mill-waqqgħa tal-ħajt ta’ Berlin sal-adeżjoni tal-Ungerija mal-UE, il-familja ta’ nazzjonijiet ħielsa, fl-2004. Għaddew erbatax-il sena mill-waqqgħa tal-Komuniżmu sakemm pajjiżna seta’ jingħaqad, flimkien maċ-Ċekja, is-Slovakkja u l-Polonja. Fil-fehma tiegħi, bħalissa għandna erbatax-il sena oħra warajna, u l-Ungerija qed timxi lura bil-mod, u qed taqa’ lura, u jekk inqabblu s-sitwazzjoni fil-bidu tad-disgħinijiet, meta l-libertajiet ċivili u l-libertà tal-istampa kienu fuq quddiem nett, għall-populiżmu, l-awtokrazija u d-dittatorjat kostituzzjonali tal-lum, toħroġ fid-dieher kontradizzjoni.

Il-Gvern f’Budapest kważi ddikjara b’mod miftuħ gwerra fuq il-valuri komuni Ewropej: in-narrattiva tiegħu ssejjaħ lil “Brussell” għadu, u tpinġi lill-UE bħala x-xitan innifisu. Dan ilu għaddej għal kważi 14-il sena u juri d-diffikultà li jkun hemm appoġġ għal kwalunkwe kampanja favur l-Ewropa, kemm mill-oppożizzjoni (jew x’fadal minnha) kif ukoll mis-soċjetà ċivili u l-NGOs (hawn ukoll irridu ngħidu, jew x’fadal minnhom). Madankollu, nirrifjutaw li naqtgħu qalbna – nirrifjutaw li nħallu l-valuri Ewropej itiru mar-riħ sempliċement għax ċerti politiċi Ungeriżi ddeċidew li jiżfnu għad-daqqa li ġejja minn post imbiegħed ferm, forsi l-Kremlin.

Stħarriġ reċenti fl-Ungerija għadu juri li kważi 68-70% tal-popolazzjoni tal-età tal-vot jappoġġaw u jgawdu l-benefiċċji marbuta mal-Unjoni Ewropea u l-valuri komuni Ewropej. Il-mistoqsija l-kbira hija jekk humiex lesti li jivvutaw f’numri kbar fid-9 ta’ Ġunju 2024. Fl-Ungerija, din il-votazzjoni se ssir fl-istess jum tal-elezzjonijiet muniċipali u, fid-dawl tal-iskuntentizza li qed tikber fil-pajjiż, il-prospetti mhumiex ħżiena. Vot ta’ protesta kontra l-politiki tal-gvern se jfisser ukoll vot favur l-Ewropa.

Mihály Hardy huwa ġurnalista Ungeriż, Kap Editor ta’ Klubrádió

A?BARIJET TAL-KESE



Is-suq uniku Ewropew futur je?tie? fokus ? eopolitiku ?did

Ir-rikonsiderazzjoni strateġika tas-suq uniku tal-UE issa hija neċessità. Id-dinja mhijiex l-istess kif kienet 30 sena ilu — is-suq uniku je?tieġ? li jiġi adattat għax-xenarju internazzjonali l-ġdid, qal l-ex-kap tal-gvern Taljan Enrico Letta waqt id-dibattitu tas-sessjoni plenarja tal-KESE fl-20 ta' Marzu 2024.

Waqt li ppreżenta l-idea ewlenija wara r-Rapport ta' Livell Għoli tiegħu dwar il-Futur tas-Suq Uniku, **is-Sur Letta**, il-president attwali tal-Istitut Jacques Delors, enfasizza li s-suq uniku futur je?tieġ? li jkollu approċċ ġeopolitiku u jiffoka fuq l-awtonomija strateġika tal-Ewropa u pilastri bħad-difiża, it-telekomunikazzjoni, l-enerġija u l-finanzi.

"Ix-xenarju ġeopolitiku issa huwa totalment differenti minn dak li kien 30 sena ilu. Il-missjoni llum hija li jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi tax-xenarju dinji l-ġdid għas-suq uniku u l-futur tiegħu. Je?tieġ? li jkollna approċċ ġdid u ninkludu kwistjonijiet bħad-difiża u t-tkabbir," qal.

Il-President tal-KESE **Oliver R?pke** enfasizza li s-suċċess tas-suq uniku ma jistax jitkejjel biss f'termini ekonomiċi, iżda jrid jirrifletti wkoll it-tamiet u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej: "Fil-KESE, aħna nemmnu li s-suq uniku huwa fundamentalment dwar in-nies - u d-dritt li wieħed jiċċaq laq ifisser ukoll il-libertà li wieħed jibqa'."

Is-Sur Letta indika li s-suq uniku kien kemm dwar in-nies kif ukoll għan-nies. Il-kompetittività ekonomika trid timxi id f'id mal-protezzjoni soċjali, u l-libertà li wieħed jiċċaq laq u l-libertà li wieħed jibqa' huma parti mill-istess libertà: "L-eżodu tal-imħuħ qed ikollu impatt devastanti f'xi pajjiżi. Irridu nindirizzaw il-libertà li nibqgħu u l-libertà li nerġgħu lura. Illum il-ġurnata dan jimxi f'direzzjoni waħda biss u qed jaffettwa l-kompetittività u joħloq problema kbira fl-Ewropa." (mp)



Kriżi tal-akkomodazzjoni – il-KESE jappella lill-UE ta'ixxi

Aktar u aktar Ewropej huma mħassba dwar il-fatt li ma jkunux jistgħu jsibu akkomodazzjoni deċenti li jistgħu jaffordjaw. Ir-riskju huwa nuqqas ta' akkomodazzjoni, pressjoni finanzjarja, nuqqas ta' sigurtà tal-akkomodazzjoni u saħnsitra problema ta' persuni mingħajr dar. L-akkomodazzjoni mhux affordabbli tista' taffettwa s-saħħa u l-benesseri tan-nies, twassal għal kundizzjonijiet u opportunitajiet tal-għajxien mhux ekwi u tirriżulta fi spejjeż tal-kura tas-saħħa, produttività aktar baxxa u ħsara ambjentali.

Konferenza reċenti organizzata mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) fi Brussell bagħtet twissija ċara: il-kriżi tal-akkomodazzjoni fl-Ewropa qed taggrava u qed iġġib magħha għadd ta' effetti sekondarji.

Skont studju reċenti tal-Eurofound, il-kriżi tal-akkomodazzjoni taffettwa liż-żgħażaġh b'mod partikolari, u żżommhom milli jtilqu mid-dar tal-familja tagħhom. L-età li fiha mill-inqas 50% tan-nies fl-UE kienu qed jgħixu barra d-dar tal-ġenituri tagħhom żdiedet minn 26 għal 28 bejn l-2007 u l-2019. Bejn l-2010 u l-2019, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Belġju, il-Greċja u l-Irlanda ffaċċjaw l-akbar żidiet fil-persuni ta' bejn il-25 u l-34 sena li jgħixu mal-ġenituri tagħhom.

Matul is-snin, il-KESE fittex li jiġbed l-attenzjoni dwar kwistjonijiet ta' akkomodazzjoni madwar l-UE. Fl-2020, il-Kumitat adotta Opinjoni dwar [Aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, sostenibbli u affordabbli fit-tul](#), abbozzata mill-membri tiegħu **Raymond Hencks** u **András Edelényi** u appella għal pjan ta' azzjoni Ewropew dwar l-akkomodazzjoni.

Bir-rakkomandazzjonijiet ta' din il-konferenza, il-KESE beħsiebu jagħti impetu politiku lid-dibattitu u jiżgura li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tal-UE tkun fuq l-aġenda 2024-2029 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni l-ġodda. L-Unjoni Ewropea għandha tiġbor flimkien ir-riżorsi biex tiġġieled in-nuqqas ta' akkomodazzjoni deċenti u affordabbli. (mp)

CALL FOR AN
**EU
Blue
Deal**



Tliet istituzzjonijiet tal-UE jgħid lill-Kummissjoni biex ma tipposponix l-Inizjattiva dwar ir-reżiljenza tal-Ilma

F'rispons konġunt għall-posponiment tal-Kummissjoni Ewropea tal-Inizjattiva dwar ir-reżiljenza tal-Ilma, ir-rappreżentanti tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), il-Grupp tal-MEPs dwar l-Ilma tal-Parlament Ewropew (PE) u l-Komitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) bagħtu ittra miftuħa lill-Viċi President Eżekuttiv Maroš Šefčovič, fejn talbu lill-Kummissjoni tadotta approċċ komprensiv fir-rigward tal-ilma u tennew is-sejħa tagħhom għal Patt Blu tal-UE.

L-ittra tirrifletti t-tħassib komuni ta' dawn l-istituzzjonijiet fir-rigward tal-posponiment tal-Inizjattiva dwar ir-reżiljenza tal-Ilma, li huma jqisu bħala sinjal inkwetanti rigward l-impenn tal-UE biex tindirizza l-isfidi tal-Ewropa li qed jiżdiedu fir-rigward tal-ilma. It-tliet istituzzjonijiet jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, iċ-ċittadini u l-gvernijiet lokali tal-UE, rispettivament.

Huma jipproponu approċċ olistiku u kollaborattiv li jintegra l-ilma fil-politiki kollha biex jiġi żgurat aċċess soċjali ekwu, aċċess għall-bdiewa, l-industriji u l-infrastruttura, u l-aspetti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-ilma.

Din il-bidla għandha l-għan li tmur lil hinn mill-approċċi frammentati eżistenti, u fl-istess ħin trawwem strateġija awtonoma tal-ilma aktar komprensiva u effettiva. Din is-sejħa interistituzzjonali tkegġegħ lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma tagħha fuq l-Inizjattiva dwar ir-reżiljenza tal-Ilma u tagħmel l-ilma prijorità ewlenija tal-UE fil-mandat li jmiss (2024-2029).

Ara l-ittra sħiħa [hawnhekk](#). (gb)



Il-?lieda kontra l-mard rari (#RareDiseases), il-pass li jmiss: in-Networks Ewropej ta' Referenza ji ?u integrati fis-sistemi nazzjonali tas-sa?sa?

Fit-8 ta' Marzu 2024, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea organizzaw konferenza dwar Il-mard rari fl-UE: azzjoni konġunta li ssawwar il-futur tan-Networks Ewropej ta' Referenza (laqgħa ta' tnedija ta' JARDIN) fi Brussell. L-għan kien li titnieda inizjattiva Ewropea konġunta dwar il-mard rari biex in-Networks Ewropej ta' Referenza jiġu integrati fis-sistemi nazzjonali tas-saħħa, u jinbena front komuni fost l-istituzzjonijiet tal-UE, il-pajjiżi Ewropej, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, ix-xjenzati, il-prattikanti u l-maniġers tal-isptarijiet.

Is-sistemi tal-UE tas-saħħa jsibuha diffiċli biex jipprovdu kura ta' kwalità għolja u kosteffettiva fir-rigward ta' mard kumpless bi prevalenza baxxa jew rari li jaffettwa l-ħajja ta' kuljum ta' madwar 30 miljun Ewropew. Din hija r-raġuni għaliex huwa importanti li jiġi sfruttat il-potenzjal tan-Networks Ewropej ta' Referenza, in-networks virtwali tal-fornituri tal-kura tas-saħħa madwar l-Ewropa li jiffaċilitaw id-diskussjonijiet dwar mard u kundizzjonijiet kumplessi jew rari li jeħtieġu trattament speċjalizzat ħafna u għarfien u riżorsi kkonċentrati.

L-azzjoni konġunta JARDIN hija proġett li jintegra n-Networks Ewropej ta' Referenza fis-sistemi nazzjonali tas-saħħa u jaħdem biex jagħmilhom sostenibbli. Il-proġett jiżviluppa perkorsi nazzjonali tal-pazjenti marbuta man-Networks Ewropej ta' Referenza, networks nazzjonali ta' referenza li jirriflettu u jikkomplementaw in-Networks Ewropej ta' Referenza, u strutturi għal pazjenti mingħajr dijanjożi.

Il-proġett jinvolvi 27 Stat Membru tal-UE, in-Norveġja u l-Ukrajna. Huwa kkoordinat mill-Awstrija u għandu finanzjament totali ta' EUR 18,75 miljun (EUR 15-il miljun mill-UE u EUR 3,75 miljun mill-Istati Membri) għal perjodu ta' tliet snin. Ir-riżultati mistennija minn JARDIN, inklużi rakkomandazzjonijiet, pjani ta' azzjoni u rapporti minn proġetti pilota konkreti, għandhom iwasslu għal pjani nazzjonali aħjar għall-mard rari fl-Istati Membri tal-UE. (mp)



[Il-KESE jo?ro? rakkomandazzjonijiet ewlenin g? all-g?aqda so?jali u t-tkabbir inklu?iv fl-Ewropa](#)

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), fuq talba tal- Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE, żvela rakkomandazzjonijiet kruċjali maħsuba għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali, il-ġestjoni tad-dejn u l-prijorità għall-investimenti fil-kura tas-saħħa u l-impjeg madwar l-Ewropa. Il-KESE wera t-tħassib tiegħu li baġits stretti jistgħu jnaqqsu r-ritmu tal-progress fil-ġlieda kontra l-faqar u t-tibdil fil-klima.

Il-KESE ressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fl-Opinjoni dwar [It-tisħiħ ta' tkabbir inklużiv fit-tul permezz ta' riformi u investimenti](#) li ġiet adottata u diskussa fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Marzu mal-Kummissarju għall-

Impjegi u d-Drittijiet Soċjali, **Nicolas Schmit** u l-Ministru Belġjana għall-Pensjonijiet u l-Integrazzjoni Soċjali, **Karine Lalieux**.

L-Opinjoni enfasizzat il-ħtieġa għal allinjament bejn l-oqfsa eżistenti bħas-Semestru Ewropew u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kelliema fid-dibattitu ta' livell għoli saħqu dwar il-ħtieġa li jintlaħaq progress fl-Ewropa Soċjali u biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti bħad-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u l-inklużjoni diġitali. Il-konferenza ta' livell għoli dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li se ssir dalwaqt fil-Belġju, tindika impenn biex l-implimentazzjoni ta' dan l-istrument tissokta.

Il-proposti tal-Kumitat jenfasizzaw l-użu effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji, l-involvement tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-importanza li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tkun waħda ġusta. L-inklużività hija tema ċentrali, l-istess bħall-isfruttar tal-impatt tal-investimenti soċjali waqt li jitrawmu l-istabbiltà ekonomika u l-koeżjoni soċjali fl-UE. (tk)



©UN Women

[Il-KESE rrappe?enta g?all-ewwel darba lis-so? jetà ?ivili Ewropea fil-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa](#)

F'Marzu, il-KESE ħa sehem fit-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tan-Nisa (Commission on the Status of Women, CSW68), il-korp internazzjonali u intergovernattiv ewlieni li jiġġieled għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li saret fi New York.


Din kienet l-ewwel darba li l-KESE pparteċipa fl-akbar laqgħa annwali tan-NU dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, li din is-sena ffukat fuq it-tmiem tal-faqar tan-nisa. Waqt li ta vuċi lis-soċjetà ċivili Ewropea fil-ġlieda tagħha għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-KESE kkontribwixxa għat-tema

b'dikjarazzjoni li tinkludi għaxar punti ta' azzjoni għall-emanċipazzjoni ekonomika u l-protezzjoni soċjali tan-nisa.

Id-delegazzjoni tal-KESE kienet immexxija mill-**President Oliver Röpke**, li għamel l-ugwaljanza bejn il-ġeneri prijorità ewlenija tal-ħidma tiegħu u tal-presidenza tiegħu. **Il-President Röpke** qal: "Il-KESE għandu storja twila fejn jippromovi politiki tal-UE u globali biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġu indirizzati l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali li n-nisa u l-bniet għadhom ibatu minnhom illum. Iżda din hija l-ewwel darba li ħadna din il-ħidma, taħt vuċi waħda tas-soċjetà ċivili Ewropea, fl-ogħla stadju possibbli f'din il-ġlieda kollettiva lejn l-ugwaljanza globali bejn il-ġeneri. Il-faqar mhuwiex newtrali mil-lat tal-ġeneru, u għalhekk lanqas m'għandha tkun hekk ir-risposta tagħna".

Il-punti ta' azzjoni elenkati fid-Dikjarazzjoni tal-KESE inkludew il-pożizzjonijiet tal-KESE dwar it-tema tas-CSW68. Dawn kellhom l-għan li javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jindirizzaw il-faqar u jsaħħu l-istituzzjonijiet permezz ta' perspettiva tal-ġeneru, f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE. Fost affarijiet oħra, dawn inkludew ukoll il-protezzjoni tan-nisa minn kull tip ta' vjolenza, l-iżgurar ta' servizzi tal-kura tas-saħħa aċċessibbli, ir-rappreżentanza ġusta tan-nisa fis-suq tax-xogħol, l-appoġġ għat-tmexxija min-nisa u l-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs permezz tal-edukazzjoni.

"Sena minn issa, nittama li nkun nista' ngħid li l-preżenza tal-KESE fil-UNCSW għenet biex dawn it-talbiet jingħataw vuċi aktar b'saħħitha. Nistgħu u għandna nkunu kritiċi. Neħtieġu l-vuċijiet kritiċi tas-soċjetà ċivili, tal-partijiet interessati, tal-NGOs u tal-istituzzjonijiet li jaħdmu lejn dan il-għan kollettiv u kondiviż: Ewropa aktar ugwali, dinja aktar ugwali. Nistgħu u għandna nindikaw it-triq 'il quddiem," qal il-President Röpke. Il-KESE kien jifforma parti minn delegazzjoni tal-UE rrappreżentata mill-Presidenza tal-UE. Kellu rwol ta' osservatur, flimkien mal-Parlament Ewropew. Apparti l-President, id-delegazzjoni tal-KESE kienet magħmula mill-membri li ġejjin: **Christa Schweng, Mariya Mincheva, Cinzia del Rio, Maria Nikolopoulou, Chiara Corazza** u **Sif Holst**, il-President tal-Grupp dwar l-Ugwaljanza tal-KESE. (II)



[Premijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika 2024](#)

Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għat-tielet edizzjoni tal-Premijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika issa hija miftuħa u se tibqa' għaddejja **sat-12 ta' Mejju 2024**.

Il-Premijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika jirrikonoxxu diversi partijiet ikkonċernati tul il-katina tal-valur organiku li f'ħolqu proġetti innovattivi, sostenibbli u ta' ispirazzjoni li pproduċew valur miżjud reali għall-produzzjoni u l-konsum ta' ikel organiku.

lċ-ċerimonja tal-għoti tal-Premijiet hija skedata għat-23 ta' Settembru 2024, li huwa l-Jum Organiku tal-UE.

[Applika online](#) issa **sat-12 ta' Mejju 2024 23:59:59 CEST**.



I??elebra l-Ewropa u d-Demokrazija!

Ingħaqad magħna għall-Jum għall-Pubbliku tal-KESE fl-4 ta' Mejju!

Immarka l-kalendarju tiegħek għas-**Sibt 4 ta' Mejju 2024** meta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jiftaħ il-bibien tiegħu għall-Jum għall-Pubbliku interistituzzjonali annwali tal-UE. Niċċelebraw id-demokrazija Ewropea u niffukaw fuq l-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin f'Ġunju. Din hija opportunità biex titgħallem dwar l-UE, tinvolvi ruħek mas-soċjetà ċivili, u tiskopri kif leħnek u l-vot tiegħek jistgħu jsawru l-futur tal-Ewropa.

Għaliex għandek iżżur il-KESE fil-Jum għall-Pubbliku?

- **Il-bini Jacques Delors:** esplora l-bini ikoniku tal-KESE f'Rue Belliard, il-qalba tas-soċjetà ċivili organizzata fl-Ewropa. Ara b'għajnejk kif ir-rappreżentanti tal-impjegaturi, il-?addiema, l-ambjentalisti, il-konsumaturi, u aktar jikkontribwixxu g'at-tfassil tal-politika tal-UE.
- **Tagħlim interattiv:** involvi ruħek f'diskussjonijiet imqanqlin ma' membri tal-KESE dwar su??etti li huma qrib tiegħek. Tgħallem kif id-djalogu soċjali jsawwar il-le?il-lazzjoni tal-UE u kif il-vu?i tiegħek tista' tinstema'.
- **Attivitajiet għall-etajiet kollha:** gawdi minn atmosfera vibranti b' mu?ika live tal-og?la kwalità, log?ob interattiv biex tittestja l-g?arfien tiegħek dwar l-UE, u artisti tal-irtokk li ji?bg?u wi?? it-tfal. ?u miegħek id-dar rigal kommemorattiv jew karikatura ta' wi??ek u ddeverti fil-kabina fotografika.
- **Diskussjonijiet fil-fond:** ikseb perspettiva "ta' ?ewwa" dwar ir-rwol tal-KESE fit-tiswir ta' Ewropa sostenibbli, prospera u inklu?iva g?al kul?add. ?u l-opportunità biex tinvolvi ruħek f'diskussjonijiet rapidi u ffukati ma' membri tal-KESE dwar su??etti spe?ifi?i li huma importanti g?alik. Opportunità unika biex tikseb g?arfien siewi mill-qalba tat-tfassil tal-politika Ewropea.
- **Is-setgħa tas-soċjetà ċivili:** skopri kif il-KESE ja?dem biex inaqqas id-distakk bejn i?-?ittadini u l-UE. Ara kif il?na differenti jing?aqdu flimkien biex jippromovu l-?ustizzja soċjali, il-protezzjoni ambjentali, u ?afna aktar g?al Unjoni Ewropea aktar b'sa??itha.

Ċelebrazzjoni fuq żewġ roti!

Barra minn dawn l-avvenimenti eċċitanti, grupp ta' ċiklisti se jasal fil-KESE fl-4 ta' Mejju! Xi wħud minn dawn il-membri ddedikati tal-KESE u individwi oħra qed jivvjaġġaw fuq ir-roti distanza ta' 500 km minn Franza għal Brussell biex iqajmu kuxjenza dwar l-elezzjonijiet Ewropej. Ingħaqad magħna hekk kif nagħtuhom merħba mistħoqqa meta jaslu fil-KESE u tgħallem aktar dwar il-missjoni ta' ispirazzjoni tagħhom, il-vjaġġ u l-isfidi tagħhom tul it-triq.

Aktar minn sempliċi żjara, hija esperjenza

Il-Jum għall-Pubbliku tal-KESE huwa l-opportunità tiegħek li toħloq rabta mal-Ewropa, tiċċelebra d-demokrazija u tiskopri s-setgħa tas-soċjetà ċivili. Kemm jekk inti entużjast veteran tal-UE, xettiku tal-UE, jew sempliċiment kurjuż, noffru xi ħaġa għal kulħadd. Ejja esplora, tgħallem, u involvi ruħek fil-qalba tad-demokrazija Ewropea!

Ibqa' konness għal aktar dettalji

Ma hija meħtieġa l-ebda reġistrazzjoni minn qabel. Se naqsmu aktar informazzjoni dwar attivitajiet speċifiċi, u punti ewlenin eċċitanti fil-ġimgħat li ġejjin. Segwina fuq il-media soċjali u żur is-sit web tagħna

(www.eesc.europa.eu/openday) għal aġġornamenti.

Titlifx din l-opportunità unika biex tesperjenza l-UE tiegħek direttament! (cg)

#EuropeDay #UseYourVote

A?BARIJET MILL-GRUPPI



[Stefano Mallia: “It-tranżizzjoni ekoloġika trid titwettaq b’tali mod li n-negozji jkunu jistgħu jiġu stabbiliti u jikbru”](#)

Silta minn intervista mill-ġurnal tal-Federazzjoni tal-Intrapriżi Finlandiżi Yrittäjä mal-President tal-Grupp ta’ Min Iħaddem Stefano Mallia

Qegħdin fuq l-għatba tal-elezzjonijiet Ewropej. F’Ġunju, iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE se jeleġġu r-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament Ewropew, li se jkunu fil-poter għall-ħames snin li ġejjin. Meta **Stefano Mallia**, il-President tal-Grupp ta’ Min Iħaddem tal-KESE, jiġi mistoqsi dwar l-akbar sfida li se jiffaċċjaw l-intraprendituri Ewropej fil-ħames snin li ġejjin, it-tweġiba tiġih minnufih.

– It-tranżizzjoni ekoloġika, huwa jgħid.

Skont Mallia, huwa importanti għat-tranżizzjoni lejn ekonomija u tkabbir aktar ambjentalment sostenibbli li jiġi żgurati li n-negozji jkunu jistgħu jirnexxu.

– It-tranżizzjoni ekoloġika trid titwettaq b’tali mod li n-negozji jkunu jistgħu jiġu stabbiliti u jikbru Meta n-negozji jmorru tajjeb, is-soċjetà kollha tmur tajjeb ukoll. In-negozji joħolqu l-impjiegi u jiġġeneraw dħul mit-taxxa għas-soċjetà.

Tnaqqis ta’ burokrasija

Wieħed mill-kompiti ewlenin tal-Grupp ta’ Min Iħaddem tal-KESE f’dawn l-aħħar snin kien li jgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv b’mod sinifikanti għan-negozji. Mallia jinnota li kien importanti għall-Kummissjoni li tifhem, fost affarijiet oħra, li l-obbligi estensivi ta’ rappurtar għall-SMEs għandhom jitneħħew.

– Kull meta tkun qed titfassal leġiżlazzjoni ġdida, huwa essenzjali li titqies il-kompetittività tan-negozju. Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurati li n-negozju jkun jista’ jikber.

L-importanza tal-vot fl-elezzjonijiet Ewropej

Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja l-isfidi u l-problemi tagħha stess, Mallia jemmen li l-UE kollha kemm hi kisbet ħafna.

- L-intraprendituri għandhom jivvutaw sabiex ikun hemm nies fil-Parlament li jiproteġu n-negozji u l-intraprendituri. Jekk ma tivvutax, tgħaddi s-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet lil oħrajn. Il-vot fl-elezzjonijiet Ewropej jista' jipprevjeni wkoll lill-estremisti milli jiksbu l-poter.

Aqra l-intervista sħiħa hawnhekk: <https://www.yrittajat.fi/uutiset/eu-vaikuttaja-stefano-mallia-vihrea-siirtyma-toteutettava-niin-etta-samaan-aikaan-yrityksia-voidaan-perustaa-ja-ne-voivat-kasvaa/>

Nag?tu widen lill-komunitajiet: l-ebda ? enerazzjoni ming?ajr rappre?entazzjoni



mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Il-kooperattivi u l-komunitajiet tal-enerġija huma kruċjali biex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi. Madankollu, il-Kummissjoni tonqos milli tagħtihom il-prominenza mistħoqqa fil-pjan ta' azzjoni tagħha għall-enerġija mir-riħ fl-Ewropa li jidher li jinjora l-oppożizzjoni dejjem tikber għal parks eoliċi ġodda.

F'Ottubru, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Enerġija mir-Riħ biex tiżgura li t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa timxi id f'id mal-kompetittività industrijali u li l-enerġija mir-riħ tkompli tkun storja ta' suċċess Ewropea.

L-enerġija mir-riħ tiġġenera aktar minn terz tal-elettriku rinnovabbli tal-Ewropa – u aktar minn 17% tal-produzzjoni totali tal-elettriku tagħha – u tagħmel parti fundamentali mill-produzzjoni tal-elettriku b'emissjonijiet żero netti għall-futur.

Madankollu, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni jidher li jinjora l-oppożizzjoni dejjem tikber għal parks eoliċi ġodda, mid-difensuri tal-pajsaġġi sal-konservazzjonisti tan-natura, b'[reazzjonijiet](#) simili għal [NIMBY\(Not in My Backyard\)](#).

Il-kooperattivi u l-komunitajiet, li jmexxu proċess lokali mmexxi miċ-ċittadini li jista' jkollu sjieda tat-tranżizzjoni, [huma kruċjali sabiex tingħeleb din l-oppożizzjoni](#) u biex jiġi żgurat li l-benefiċċji ta' din it-tranżizzjoni jiġu kondiviżi b'mod wiesa'. Barra minn hekk, huma importanti wkoll biex il-ġenerazzjoni rinnovabbli ġiġib magħha sistema ġdida u aktar deċentralizzata tal-ġenerazzjoni tal-enerġija.

Minflok, il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Enerġija mir-Riħ tal-Kummissjoni jiffoka biss fuq kumpaniji kbar. Dan se jagħmel ħsara lill-proċess, inaqqas l-aċċettazzjoni u jipperikola t-tranżizzjoni. Il-Kummissjoni għandha

tikkunsidra mill-ġdid il-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha u tinkludi l-parteċipazzjoni ta' ċittadini fil-pilastru 7.

Għandha tiżgura li l-offerti ma jkunux esklużivament xprunati mill-prezzijiet u tqis it-tħassib dwar l-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, u n-negozjar kollettiv, [kif irrakkomanda l-KESE dan l-aħħar fl-Opinjoni tiegħu dwar is-suġġett.](#)



Konferenza dwar l-Appo?? Professionali g'all-Patt Blu tal-UE – it-8 edizzjoni tal-Jum Ewropew tal-Professjonijiet Liberi

mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE

Il-Kategorija tal-Professjonijiet Liberi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew se torganizza t-8 edizzjoni tal-Jum Ewropew tal-Professjonijiet Liberi fis-7 ta' Mejju 2024, mill-10:30 sal-16:00 fi Brussell.

Ingħaqad magħna u hu sehem fid-dibattitu dwar it-tema ta' din is-sena **“Appoġġ Professionali għall-Patt Blu tal-UE”**. Flimkien ma' dawk li jfasslu l-politika mill-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri, se nfittxu soluzzjonijiet biex nindirizzaw l-isfidi dejjem jikbru b'rabta mal-ilma.

L-ilma huwa riżorsa vitali, iżda qed jiskarsa dejjem aktar. Hekk kif il-popolazzjoni tad-dinja qed tikber, bl-istess mod qed tikber id-domanda għall-ilma. Kważi żewġ terzi ta' ċittadini Ewropej iqisu l-kwalità u/jew il-kwantità tal-ilma f'pajjiżhom bħala problema serja. It-tibdil fil-klima se jkompli jaffettwa d-disponibbiltà, il-kwalità u l-kwantità tal-ilma. Mingħajr azzjoni, l-iskarsezza tal-ilma u l-faqar jistgħu jikkonċernaw partijiet dejjem akbar tas-soċjetà ċivili fid-dinja kollha, b'implikazzjonijiet estensivi għas-sigurtà tal-ikel, l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-istabbiltà ekonomika, soċjali u politika.

F'din il-konferenza, li diġà stabbiliet ruħha bħala pjattaforma eċċitanti u rilevanti għall-professionisti ewlenin tal-Ewropa, se niddiskutu l-modi li bihom il-professjonijiet liberi jistgħu jgħinu biex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi ħalli jiġi stabbilit Patt Blu tal-UE u biex b'hekk jittaffew l-isfidi b'rabta mal-ilma li l-Ewropa u d-dinja se jiffaċċjaw fis-snin u d-deċennji li ġejjin.

L-interpretazzjoni simultanja se tkun disponibbli bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bit-Taljan. Il-konferenza hija miftuħa għall-pubbliku. Tista' tattendi l-konferenza fiżikament jew mill-bogħod. Għaż-żewġ modi ta' attendenza hija meħtieġa reġistrazzjoni minn qabel.

Jekk jogħġbok irreġistra sat-2 ta' Mejju 2024 fuq il-[paġna tar-reġistrazzjoni](#) apposta tagħna.

LENTI FUQ L-ELEZZJONIJIET EWROPEJ



O?or?u vvutaw f' ?unju 2024: il-KESE qed jappella lill-Ewropej biex jivvutaw g?al Ewropa mag?quda u demokratika

Fl-20 ta' Marzu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) adotta [riżoluzzjoni](#) fejn jappella liċ-ċittadini Ewropej biex jeżerċitaw id-dritt demokratiku tagħhom tal-vot matul l-elezzjonijiet Ewropej li qed joqorbu malajr.

“Għaddejna minn żminijiet diffiċli, iżda ñadd ma jista' jiċħad li l-UE ggarantiet il-paċi, id-demokrazija, il-prosperità ekonomika u l-progress soċjali għall-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħha. Bis-saħħa tal-Unjoni, għandna l-libertà li naħdmu, nistudjaw u nagħmlu negozju fil-pajjiżi kollha tal-UE,” il-KESE ddikjara fir-riżoluzzjoni.

“In-nazzjonaliżmu, il-populiżmu u s-soluzzjonijiet fil-livell ta' stat individwali mhumiex it-tweġiba. Il-kollaborazzjoni, il-kooperazzjoni u l-konverġenza huma”, qal il-KESE, waqt li enfasizza li l-ebda pajjiż tal-UE ma jista' jlaħħaq waħdu ma' sfidi bħaż-żieda fl-inflazzjoni, il-gwerer, il-migrazzjoni jew l-emerġenza klimatika.

Ir-riżoluzzjoni ġiet adottata fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta' Marzu wara d-dibattitu dwar “L-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 mil-lenti tas-soċjetà ċivili”, bil-parteċipazzjoni ta' attivisti tas-soċjetà ċivili u l-kunsilli ekonomiċi u soċjali nazzjonali ta' Franza u l-Bulgarija.

Il-KESE qal li xtaq jimmobilizza n-network tiegħu ta' mill-inqas 90 miljun persuna madwar l-UE, u jiżgura li l-Ewropej joħorġu jivvutaw biex jiddeċiedu min se jirrappreżentahom fil-Parlament Ewropew matul il-ħames snin li ġejjin.

Fil-plenarja, **il-President tal-KESE Oliver Röpke** qal li l-organizzazzjonijiet rappreżentati mill-membri tal-KESE għandhom għeruq profondi fis-soċjetajiet ċivili nazzjonali: “Nistgħu nilħqu lil kulħadd, nistgħu nġiegħlu lin-nies jivvutaw, u dan jeħtiġilna nagħmluh. Huwa d-dmir morali tagħna.”

Il-KESE [ngħaqad ukoll mal-Parlament Ewropew](#) biex jgħin sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet, għax is-soltu tkun ħafna aktar baxxa milli fl-elezzjonijiet nazzjonali, b'mod partikolari f'uħud mill-Istati Membri.

Il-President tal-KESE enfasizza li, fi sfond fejn id-demokrazija sejra lura madwar id-dinja u f'ċerti Stati Membri, l-elezzjonijiet tal-2024 huma ta' importanza partikolarment kbira.

“Dawn l-elezzjonijiet mhumiex is-soluzzjoni magħka biex intemmu l-inkwiet tagħna, inneħħu l-biżgħat tagħna, jew intaffu t-tħassib taċ-ċittadini, iżda huma mod leġittimu biex nesprimu x-xewqat tagħna, nitolbu futur aħjar, u nżommu lil dawk fil-poter responsabbli,” qal is-Sur Röpke.

Meta tkellmu fil-plenarja, it-tliet relaturi tar-riżoluzzjoni, il-membri tal-KESE Christa Schweng, Cinzia del Rio u Ioannis Vardakastanis, li jirrappreżentaw lill-Gruppi tal-KESE ta’ Min Iħaddem, tal-Ħaddiema u tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili rispettivament, kienu magħquda fl-appell tagħhom lill-Ewropej biex jużaw il-vot tagħhom u jeleġġu rappreżentanti li se jiddefendu Ewropa magħquda, demokratika, sostenibbli u soċjali.

Il-KESE ser jadotta riżoluzzjoni oħra f’Lulju, li tiffoka fuq it-talbiet tas-soċjetà ċivili lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni li jkunu ġew eletti.(II)



Il-KESE u l-Parlament Ewropew jaqblu li jikkooperaw mill-qrib qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024

Fis-27 ta’ Frar, il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), Oliver Röpke, u l-President tal-Parlament Ewropew (PE), Roberta Metsola, iffirmaw Memorandum ta’ Qbil dwar il-kooperazzjoni bi tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej.

L-għan tas-sħubija huwa li tapprofondixxi l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet biex jiġu promossi l-elezzjonijiet Ewropej, tingħata spinta lill-parteċipazzjoni elettorali – speċjalment fost dawk li ma joħorġux jivvutaw u dawk li se jivvutaw għall-ewwel darba – u tiġi miġġielda l-manipulazzjoni tal-informazzjoni.

Fost miżuri oħra, l-istituzzjonijiet qablu li jżidu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-komunikazzjoni dwar l-elezzjonijiet, jikkoordinaw l-organizzazzjoni ta’ avvenimenti, bħall-Jum għall-Pubbliku jew il-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili, u jikkondividu informazzjoni fuq il-pjattaformi “flimkien.eu” u “X’qed tagħmel għalija l-Ewropa”.

Il-President tal-KESE, Oliver Röpke, qal li: “L-elezzjonijiet Ewropej se jkunu test deċiżiv tad-demokrazija Ewropea. Il-KESE jista’ jkun il-pjattaforma biex is-soċjetà ċivili tingħaqad għad-demokrazija. Nilqa’ l-Memorandum ta’ Qbil tal-lum mal-Parlament Ewropew, li jippermettilna nieħdu rwol aktar attiv fit-tħejjija għall-elezzjonijiet u ninvolvu ruħna mal-votanti biex ikun hemm parteċipazzjoni ikbar fl-elezzjonijiet. Il-KESE u l-Parlament Ewropew huma msieħba u alleati.”

Il-Memorandum jelenka oqsma speċifiċi fejn il-kooperazzjoni bejn il-KESE u l-Parlament Ewropew għandha titkompla u tissaħħaħ fit-tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. (kn/II)



Mistoqsija lil...

Il-KESE adotta [riżoluzzjoni](#) li fiha jistieden lill-Ewropej jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej. It-tliet relaturi tar-riżoluzzjoni, il-membri tal-KESE **Christa Schweng, Cinzia del Rio u Ioannis Vardakastanis**, li jirrappreżentaw il-Gruppi tal-KESE ta' Min Iħaddem, tal-Ħaddiema u tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili rispettivament, kienu magħqudin fl-appelli tagħhom biex l-Ewropej jużaw id-dritt demokratiku tagħhom li jivvutaw u jeleġġu rappreżentanti li se jiddefendu Ewropa magħquda, demokratika, sostenibbli u soċjali. Fil-kolonna tagħna Mistoqsija lil..., staqsejna lil kull relatur xi tfisser din l-elezzjoni u għaliex kulħadd għandu juża l-vot tiegħu f'Ġunju li ġej.



Christa Schweng, eks President tal-KESE u membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

L-elezzjonijiet Ewropej huma l-avveniment fejn l-Ewropej jistgħu jiddeċiedu min se jmexxi l-Unjoni Ewropea tagħna għall-ħames snin li ġejjin. Din id-darba, se jsiru f'kuntest ġeopolitiku li qed jinbidel b'mod drammatiku, ikkaratterizzat mill-gwerra mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna fuq l-għatba tagħna. Il-pajjiżi li qabel kienu għedewwa qed jiffurmaw alleanzi ġodda u qed isiru ostili għall-istil ta' ħajja tagħna. Id-demokrazija hija fi stat li talinqas jista' jissejjaħ inkwetanti u r-rigress tad-demokraziji jista' jiġi osservat globalment. L-istat tad-dritt u l-libertà tal-istampa qed jonqsu, biex insemmu biss tnejn mill-aktar indikaturi komuni. Madwar l-Ewropa, qed naraw attakki dejjem aktar ħorox fuq id-demokraziji liberali. F'diversi Stati Membri, il-valuri ewlenin Ewropej ġew imminati, l-ispazji ċiviċi magħluqa u l-libertajiet tal-media tnaqqsu.

Id-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz jikkawżaw diviżjonijiet fis-soċjetà tagħna u jwasslu għal nuqqas ta' fiduċja u mibegħda.

L-UE hija bbażata fuq il-valuri komuni tad-demokrazija, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tal-espressjoni, l-istat tad-dritt, it-tolleranza, il-ġustizzja, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza, is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni demokratika. Dawn il-valuri qatt m'għandhom jittieħdu bħala fatt; jeħtieġ li jissaħħu, jiġu difiżi u protetti kontinwament.

L-elezzjonijiet Ewropej huma opportunità biex nuru li nieħdu f'isieb id-demokrazija u l-valuri fundamentali tagħna - u din hija r-raġuni għaliex huwa importanti li aħna l-Ewropej nagħmlu użu mill-vot tagħna.



Cinzia del Rio, membru tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Qed nitolbu liċ-ċittadini joħorġu jivvutaw għall-Ewropa, għall-proġett Ewropew, għal Ewropa aktar integrata u solidali. L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq valuri, prinċipji, l-istat tad-dritt, id-drittijiet u l-parteċipazzjoni, li kollha kemm huma mhumiex negozjabbli, minħabba li jirrappreżentaw il-pedamenti tad-demokrazija tagħna u l-elementi ewlenin tal-mudell tagħna ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli. U jeħtieġ li niżguraw il-pedamenti demokratiċi tagħna.

L-Ewropa għandha sfidi ġodda x'tindirizza llum:

- trid tla'q ma' kunist ?eopolitiku frammentat u xprunat mill-kunflitti ma' atturi u kompetituri ekonomi?i u politi?i globali ? odra;
- trid tappo??ja t-tran?izzjoni ekolo?ika, di?itali u demografika, kif ukoll it-tibdil teknolo?iku, l-innovazzjoni, u l-i?vilupp tal-IA b'appro?? i?entrat fuq il-bniedem u fl-istess ?in tinvolvi li?-?g?a?ag? f' dawn il-pro?essi;
- trid tibni politika industrijali komuni Ewropea m?edda flimkien ma' strumenti finanzjarji komuni ?odda;
- trid ti?gura l-investment so?jali sabiex timplimenta bis-s?i? il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet So?jali, ittejjeb il-koe?joni so?jali, to?loq impjiegi ta' kwalità u tindirizza l-faqar, l-inugwaljanzi u l-esklu?joni so?jali.

L-ebda pajjiż Ewropew ma jista' jagħmel dan kollu waħdu. Nappellaw liċ-ċittadini biex jużaw il-vot tagħhom biex jiżguraw integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-Unjoni Ewropea, sabiex tkun tista' tibni u tinvolvi ruħha f'paċi dejjiema u ssostni l-mudell ekonomiku u soċjali tagħna.



Ioannis Vardakastanis, membru tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li ġejjin huma importanti immens għall-futur tal-Unjoni tagħna u tal-kontinent tagħna kollu kemm hu. L-essenza tal-UE - l-unità, id-demokrazija, il-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-ġustizzja soċjali tagħna - hija fil-periklu. Huwa kruċjali li ċ-ċittadini tal-UE jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw, peress li l-Parlament isawwar direttament l-UE ta' għada.

L-UE tissimbolizza kooperazzjoni u opportunitajiet, u tiżgura l-paċi, id-demokrazija, l-inklużività u l-prosperità. Madankollu, l-isfidi li qed jiffaċċjaw iċ-ċittadini, bħal spejjeż tal-ħajja u tal-enerġija li qed jiżdiedu, it-tibdil fil-klima, u kunflitti, wasslu biex jikber in-nuqqas ta' sigurtà fost l-Ewropej; dawn l-isfidi jeħtieġu soluzzjonijiet pan-Ewropej unifikati.

In-nazzjonaliżmu ma joffri l-ebda soluzzjoni. Neħtieġu kollaborazzjoni, solidarjetà u djalogu ċivili effettiv biex nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet u nżommu l-valuri demokratiċi tagħna. L-UE trid ukoll tmexxi globalment, tippromovi l-paċi, il-multilateraliżmu u l-protezzjoni ambjentali. Tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali u ekoloġika hija imperattiva. L-inklużività hija kruċjali. Iċ-ċittadini kollha għandhom jingħataw is-setgħa li jipparteċipaw fit-tiswir tal-futur tagħna. Bħala membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, aħna ddedikati għal dawn il-prinċipji. Il-vot tiegħek huwa kruċjali fit-tiswir tal-futur tal-Unjoni tagħna. Ejjew ningħaqdu għal UE demokratika, kompetittiva, sostenibbli u soċjali. Il-vot tiegħek jgħodd – użah għal futur Ewropew aħjar!

It-test tar-riżoluzzjoni jinsab fuq il-paġna web speċjali tal-KESE dwar l-[elezzjonijiet Ewropej](#).



[Id-di?informazzjoni tirba? jekk lil min qed tindirizza huwa dg?ajjef](#)

Tkellimna mal-ġurnalista Ġeorġjan-Franċiż Régis Genté dwar il-kwistjonijiet li huma fost l-akbar tħassib fir-rigward tal-elezzjonijiet Ewropej: iż-żieda fil-lemin estrem, żgħażaġh li m'għandhomx motivazzjoni biex jivvutaw u d-diżinformazzjoni. Espert politiku taż-żona post-Sovjetika, Régis Genté jirrapporta għall-media prinċipali ta' Radio France Internationale, France 24 TV u Le Figaro.

KESE Info: *Taħseb li iż-żieda tal-partiti tal-lemin estrem fl-Ewropa se jkollha impatt fuq ir-riżultat tal-elezzjonijiet Ewropej?*

Bl-ebda mod ma jien espert tal-lemin estrem fl-Ewropa, iżda jekk tħares lejn l-istħarriġiet li għandna bħalissa f'pajjiżi (Franza), ikolli nirrikonoxxi li l-lemin estrem jinsab fuq quddiem. L-elezzjonijiet Ewropej jirrappreżentaw mezz politiku għaċ-ċittadini Ewropej biex jgħidu jew jgħaddu messaġġ dwar pajjiżhom lill-politiċi tagħhom. Iċ-ċittadini Ewropej l-ewwel jaħsbu dwar is-sitwazzjoni politika f'pajjiżhom u mbagħad wara dwar is-sitwazzjoni fl-Ewropa. Għalhekk iva, il-partiti tal-lemin estrem probabbilment se jkollhom impatt fuq dawn l-elezzjonijiet, f'kuntest fejn qed jiżdiedu l-mistoqsijiet dwar ir-rabta bejn is-sovranità u l-integrazzjoni Ewropea.

Temmen li iż-żgħażaġh huma motivati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej?

Se nwieġeb bħala ċittadin normali li ilu jgħix f'territorju post-Sovjetiku għal 22 sena u bħala xi ħadd li ta' spiss jitkellem maż-żgħażaġh fl-Ewropa. Nara li mhumiex motivati ħafna biex imorru jivvutaw. Nosserva l-istess fil-Georgia, fejn ngħix. Iż-żgħażaġh hemmhekk huma interessati fil-politika, iżda la huma favur partit fil-gvern u lanqas favur l-oppożizzjoni. Jixtiequ jkunu involuti fil-ħajja politika ta' pajjiżhom, iżda jirrifjutaw li jivvutaw minħabba li l-ebda wieħed mill-partiti u l-mexxejja tagħhom ma jirrappreżentawhom verament. Hija pożizzjoni interessanti li nirrispetta għaliex tista' tiftaħ il-biben biex il-politika ssir differenti, lil hinn mid-demokrazija rappreżentattiva, lil hinn mill-partiti. Iżda, sadanittant, tħalli

l-qasam politiku f'idejn il-politiċi u diversi forzi politiki ... u mingħajr iż-żgħażaġh.

Id-diżinformazzjoni kemm tista' tinfluwenza b'mod profond lill-votanti fl-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin?

Id-diżinformazzjoni tirbaħ jekk lil min qed tindirizza huwa dgħajjef – u f'dan il-każ huma aħna l-Ewropej li qed niġu indirizzati. Id-diżinformazzjoni Russa ma toħloqx problemi; tuża l-problemi eżistenti. U ikoll nifhmu li bħalissa s-soċjetajiet tagħna għaddejnin minn kriżi politika u morali profonda. Dan ifisser li, sfortunatament, hemm lok biex id-diżinformazzjoni tkun effiċjenti. Iżda nħoss li, bħala Ewropej u bħala ċittadini tad-dinja, ilkoll aħna aktar edukati u esperjenzati dwar kif għandna naġixxu fir-rigward tal-media soċjali. Tgħallimna ħafna matul dawn l-aħħar għaxar snin. Nafu ftit aħjar kif għandna niffiltraw l-aħbarijiet tal-pjattaformi tal-media soċjali, peress li aħna konxji li dawn iservu ta' ambjent għall-manipulazzjoni u l-aħbarijiet foloz.

M'għandniex inkunu pessimisti wisq, għaliex dan diġà qed jagħmilna l-vittmi tad-diżinformazzjoni. Is-soċjetajiet m'għadhomx daqshekk inġenwi, u n-nies huma konxji li l-pajjiżi u atturi politiċi oħra jistgħu jużaw in-networks soċjali biex jimmanipulaw l-opinjoni pubblika. Fir-rigward tal-media soċjali għandi ngħid li hija biss il-minoranza li hija attiva; il-maġġoranza vasta tal-popolazzjoni medja, il-persuni b'edukazzjoni, spiss tibqa' siekta. U dan l-għadd sinifikanti ta' nies mhux qed jibilgħu kull ħaġa impressjonanti li tinkiteb fuq il-media soċjali.

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Laura Lui (ll)

Il-kontributori għal din l-edizzjoni huma

Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Margarita Gavanis (mg)
Margarida Reis (mr)
Millie Tsoumani (mt)
Pablo Ribera Paya (prp)
Simran Grewal (sg)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Indirizz

European Economic and Social Committee
Jacques Delors Building,
99 Rue Belliard,
B-1040 Brussels, Belgium
Tel. (+32 2) 546.94.76
Email: eescinfo@eesc.europa.eu

EESC info is published nine times a year during EESC plenary sessions. EESC info is available in 24 languages. EESC info is not an official record of the EESC's proceedings; for this, please refer to the Official Journal of the European Union or to the Committee's other publications.

Reproduction permitted if EESC info is mentioned as the source and a link is sent to the editor.

04/2024